DEĊIZJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Diċembru 2007

li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

(2007/881/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 207(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 41(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2 (2) ta' l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [1].

Billi:

(1) L-Artikolu 11(5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejħin "ir-Regoli ta' Proċedura") jipprovdi li meta deċiżjoni għandha tiġi adottata mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, u jekk membru tal-Kunsill hekk jitlob, għandu jiġi verifikat li l-Istati Membri li jikkostitwixxu din il-maġġoranza kwalifikata jirrappreżentaw mill-inqas 62 % tal-popolazzjoni totali ta' l-Unjoni Ewropea kalkolata abbażi taċ-ċifri tal-popolazzjoni mniżżla fl-Artikolu 1 ta' l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura.

(2) L-Artikolu 2(2) ta' l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura dwar regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rigward l-ippeżar tal-voti fil-Kunsill jipprovdi li, b'seħħ mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-Kunsill għandu, skond id-data disponibbli fl-Uffiċju ta' l-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' qabel, jadatta ċ-ċifri mniżżla fl-Artikolu 1 ta' dak l-Anness.

(3) Ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu emendati għal-daqstant għas-sena 2008.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Artikolu 1 ta' l-Anness III għar-Regoli ta' Proċedura għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"*Artikolu 1*

Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 205(4) tat-Trattat KE, l-Artikolu 118(4) tat-Trattat Euratom, it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 23(2) u l-Artikolu 34(3) tat-Trattat UE, il-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 għandha tkun kif ġej:

Stat Membru	Popolazzjoni (× 1 000)
Il-Ġermanja	82 314,9
Franza	63 392,1
Ir-Renju Unit	60 823,8
L-Italja	59 131,3
Spanja	44 474,6
Il-Polonja	38 125,5
Ir-Rumanija	21 565,1
L-Olanda	16 358
Il-Greċja	11 171,7
Il-Portugall	10 599,1
Il-Belġju	10 584,5
Ir-Repubblika Ċeka	10 287,2
L-Ungerija	10 066,1
L-Iżvezja	9 113,2
L-Awstrija	8 298,9
Il-Bulgarija	7 679,3
Id-Danimarka	5 447,1
Is-Slovakja	5 393,6
Il-Finlandja	5 276,9
L-Irlanda	4 319,4
Il-Litwanja	3 384,9
Il-Latvja	2 281,3
Is-Slovenja	2 010,3
L-Estonja	1 342,4
Ċipru	778,7
Il-Lussemburgu	476,2
Malta	407,8
Total	495 103,9
Livell mitlub (62 %)	306 964,4"

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/683/KE, Euratom tal-15 ta' Settembru 2006 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 285, 16.10.2006, p. 47).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-1 ta' Jannar 2008.

Hija għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
F. NUNES CORREIA